ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rotta

## IT-TIELET SENA IL-MALTI IL-ĦIN: SAGĦTEJN

**L-Isem:** ____________________ **Il-Klassi:** ____________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL- MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | **20** | **20** | **10** | **30** | **20** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



"Tbissem". Din hi kelma li jgħidilna xi ħadd qabel nieħdu xi ritratt. Kultant ngħidu l-kelma "*Cheese*". Meta tieħu ritratt, int tbexxaq ftit xofftejk u turi snienek. Snien bojod u sbieħ juru li int għandek snien b'saħħithom u li int persuna b'saħħitha. (*par. 1*)

Jekk tieħu ħsieb snienek, huma jieħdu ħsiebek ukoll. Bi snien tajbin int tiekol sewwa, titkellem sewwa u tidher aħjar. Meta s-snien ikunu morda, waqt l-ikel tweġġa' ħafna biex tiekol. Bi snien imħassrin ma tiħux gost titbissem jew tidħak. (*par. 2*)

B'xorti tajba, illum nafu nieħdu ħsieb snienna billi naħsluhom kuljum u kultant immorru għand id-dentist għal *check-up* tas-snien. Imma dari ma kienx hekk. Ħafna nies ma kinux jafu jieħdu ħsieb snienhom u għalhekk is-snien kienu jitħassru kmieni u jaqgħu. Illum għandna t-*toothpaste* li għandu riħa tfuħ u togħma tajba. Biex inaddfu snienhom, in-nies ta' dari kienu jużaw ġibs imfarrak, meraq tal-lumi jew għasel imħallat mat-tabakk. Jaqq!! (*par. 3*)

**A. FEHIM IT-TEST** (20 marki)

1. Din is-silta titkellem dwar il-kura:
   (a) tas-swaba'___; (b) tas-snien ___; (ċ) tas-saqajn ____ (2 marki)
2. Liema kelma jgħidulna meta nkunu se nieħdu ritratt?

   Il-kelma hi: (a) tbissem ___; (b) gerger ___; (ċ) sabbat ___ (2 marki)
3. Skont l-awtur, x'juru s-snien meta jkunu bojod u sbieħ?

   Dawn juru: (a) ________________________________________

   (b) ________________________________________ (4 marki)
4. X'jiġrilek meta tiekol bi snien imħassrin?

   ____________________________________________________________ (4 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Illum nafu nieħdu ħsieb snienna billi ________________________ u kul...

immorru għand id-_________________ biex nagħmlu *check-up*. (4 m...

StudentBounty.com

6. Għid liema tnejn minn dawn kienu jużaw in-nies ta' dari biex inaddfu snienhom:

(a) jużaw żebgħa bajda ___

(b) jaħsluhom bil-meraq tal-lumi ___

(ċ) jieklu ħafna bajd ___

(d) jużaw tabakk u għasel imħalltin flimkien ___

(4 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt bil-**partiċelli** t-tajba mil-lista ta' taħt. (*L-ewwel waħda lesta għalik.*)

Il-kura ***tas-***snien hi importanti. Il-ħasil regolari jagħmel tajjeb ____-snien. Jekk trid tgawdi snienek ____ ma tikber, qis li taħsilhom kuljum u trid iżżomm ____moħħok li ma tridx tiekol ħafna ikel ____ ħelu jew pasti. (4 marki)

| *f', bħal, sa,* ***tas-,*** *lis-* |
|---|

2. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba. (*Imxi fuq l-eżempju.*)

a. Toni sab (tliet, tlieta) kotba fuq il-bank.

b. Kienu (għaxra, għaxar) l-irġiel li siefru.

ċ. Marija xtrat (ħames, ħamsa) pitazzi ġodda.

d. Aħna nibdew l-iskola fit-(tmien, tmienja) ta' filgħodu. (3 marki)

3. Ikteb f'kolonna **B,** kelmiet jibdew b'**m** mill-kliem f'kolonna **A.** (A*ra l-eżempju.*)

| A | B |
|---|---|
| kiteb | **miktub** |
| rabat | |
| qabad | |
| kisser | |

(3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Imla l-vojt bil-**partiċipju attiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempj*

(a) Minn **ħareġ** niktbu ***hiereġ***

(b) Minn **mexa** niktbu _______________

(ċ) Minn **waqaf** niktbu_______________ (2 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

5. Irriga l-kelma li tfisser bħall-kelma b'sing taħtha. (*Ara l-eżempju.*)

| | |
|---|---|
| a. **Ibnu** kien jismu Walter. | (it-tifel tiegħu, missieru, zijuh) |
| b. Il-bidwi kellu ħafna **raba'**. | (djar, għelieqi, numri) |
| ċ. **Il-bastiment** ħareġ mill-port. | (It-trakk, Il-vann, Il-vapur) |
| d. It-tfal intilfu **fil-masġar**. | (fil-belt, fil-bosk, fl-isqaq) |

(3 marki)

6. Aqra sewwa u imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa. (*Ara l-eżempju.*)

a) It-**tifel** mhuwiex **tifla** kif ir-**raġel** mhuwiex **mara**.

b) Iż-**żgħir** mhuwiex **kbir**, kif is-**sinjur** mhux ___________.

ċ) L-**irqaq** mhumiex ___________, kif il-**ħżiena** mhumiex **tajbin.**

d) Il-**kwadru** mhuwiex **tond**, kif il-___________ mhux **fond.**

| *ħoxnin,* ***mara,*** *fqir, baxx* |
|---|

(3 marki)

## SINTASSI

7. Ikteb pulit u bla żbalji din is-sentenza fil-vojt ta' hawn taħt.

*Bi snien imħassrin ma tiħux gost titbissem jew tidħak.*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10

Imla l-vojt f'dan ir-riklam bil-kliem mill-kaxxa ta' taħt.



**Rota għall-Bejgħ**

Tixtieq tixtri ______________ sabiħa bi ftit ______________?

Trid li jkollok rota tal-aħħar ______________?

Mela din hi r-rota għalik. *Mountain Bike* ta' kulur ______________. Użata biss ftit drabi. Għandha ħafna gerijiet differenti biex tista' ssuqha b'kumdità. Ir-roti għandhom ______________ goffi u tajbin għal triqat______________ tal-kampanja. Fiha wkoll ______________ biex tkun tista' ssuq ir-rota fid-dlam. Tingħata wkoll ______________biex tonfoħ it-tajers. Jekk titħajjar ______________din ir-rota tista' ċċempel in- ______________ 12332156 biex tkun tista' tiġi tara din ir-rota mill-isbaħ!

| |
|---|
| pompa, numru, tixtri, imħarbtin, tajers, aħmar, mudell, rota, fanal, flus |

## D. LETTERATURA (30 marka)

**(i) Nadriet 3**

Aqra sewwa din il-poeżija ta' Ġorġ Borg u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**IL-BEJJIEGĦ TAL-GAZZETTI**



Għall-bejjiegħ
tal-gazzetti fuq Kastilja
min ma jixtrix
ma jeżistix.

Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax,
għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha
id-dinja ma taqax.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1. Din il-poeżija jisimha: ___________________________________. (2

2. Il-poeta jismu:

(a) Ġorġ Pisani ___; (b) Ġorġ Grech ___; (ċ) Ġorġ Borg ___. (2 marki)

3. Ir-raġel tal-poeżija kien ibigħ:

(a) il-fjuri ___; (b) il-gazzetti ___; (ċ) il-pitazzi ___. (2 marki)

4. Ommu ma tixtrix gazzetta għax:

(a) ma titkellimx ___; (b) ma tismax ___; (ċ) ma tarax___. (2 marki)

**(ii) Stejjer taċ-Ċarrut -** *Sedqa* (16-il marka)

Aqra sewwa din is-silta u kompli s-sentenzi ta' taħt billi timla l-vojt.

Willie Calleja kien tifel żgħir u mkittef. Kien kwiet u ta' għalih waħdu. Ħadd ma kien ifittxu. Ma kellu xejn x'joffri lil sħabu.

Willie kellu n-nuċċali bi frejm iswed li ma kien jaqilgħu b'xejn minn għajnejh. Kien jilbes imraqqa' u l-ħobż kien dejjem bil-kunserva u biż-żebbuġ ta' Malta. Kienet tiġbru ommu minn taħt siġra fit-tarf tar-raħal.

Willie kien tifel imgerrex.

1. It-tifel tal-istorja jismu __________________.
2. Dan it-tifel kien __________________ u mkittef.
3. It-tifel kien kwiet u dejjem __________________waħdu.
4. Kien jilbes nuċċali bi frejm __________________.
5. Willie kien jilbes __________________.
6. Il-ħobż ta' Willie kien dejjem bil- __________________u ż-żebbuġ.
7. Iż-żebbuġ kien ikun ta'__________________.
8. Ommu kienet tiġbru minn taħt __________________.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(ii) Jinqabad bid-Drogi** (6 marki)

Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba:

1. Simon ir-Reggae kien tifel li miet bid- (a) deni; (b) droga; (ċ) dwejjaq.
2. Ċinzja kienet tfajla li telqet (a) mid-dar; (b) mix-xogħol; (ċ) mill-ħanut.
3. Helen batiet għax ir-raġel tagħha kien (a) isiefer; (b) jistad; (ċ) isawwatha.

| **E. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** minn dawn il-komponimenti u ikteb madwar **200 kelma** fuqu fil-linji ta' taħt.

1. **Ġurnata xita**

   (sema msaħħab, ragħad, beraq, sajjetta, ridt noħroġ, tqattar ix-xita, nilbes sewwa, l-umbrella, ftit nies barra, il-wied fit-triq, karozza għaddiet tiġri, għadira, ħaslitni)

2. **Iz-ziju tiegħi**

   (x'jismu, kemm għandu żmien, kulur ta' xagħru u għajnejh, kif jilbes, ċajtier/supperv, dħuli/stramb, sinjur/fqir, fejn jaħdem, kif iqatta' l-ħin liberu)

3. **Meta kont marid**

   (ma niflaħx, deni, influwenza, ma mortx skola, marid/a, tabib, invistani, mediċina, stordut/a, fis-sodda, tlett ijiem ġewwa)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers